MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 17/2004

**Emmanuel Sultana**

**Vs**

**Johan Giovanni Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm575.76c (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti hsara fil-karozza tieghu f'incident li sehh fl-1 t'Ottubru, 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attur li kkonferma li l-konvenut habat mal-karozza tieghu waqt li din kienet ipparkjata u li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm575.76c (hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------